MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2013

Appell Civili Numru. 250/2007/1

**Marie Therese Micallef**

**v.**

**Francis Xavier Micallef**

**1.** Dan hu provvediment fuq rikors tal-appellant Francis Xavier Micallef tas-7 ta’ Diċembru 2012 li bih talab li għat-tenur tal-Artikolu 904 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta jiġi eżentat mill-obbligu tal-garanzija għall-ispejjeż tal-appell intavolat minnu quddiem din il-Qorti.

**2.** Ir-rikorrent sostna li huwa ma għandux il-mezzi finanzjarji biex jagħmel il-ħlas tal-ammont mitlub minnu bħala garanzija peress li jgħid li l-uniku introjtu li għandu huwa dak li jirċievi mingħand il-Gvern ta' Malta bħala benefiċċji soċjali li jammontaw għal €82 fil-ġimgħa.

**3.** B'risposta tat-3 ta' Jannar 2013 l-appellata Marie Therese Micallef oġġezzjonat għat-talba msemmija tal-appellant u sostniet li ma hux minnu li l-appellant ma għandux mezzi finanzjarji biex jeffettwa l-ħlas tal-malleverija peress li għandu numru ta' depożiti bankarji intestati f'ismu li jippermettulu li jagħmel il-ħlas relattiv.

**4.** Irriżulta li fost l-assi li minnhom jagħmel ir-rikorrent appellant hemm id-dar konjugali u żewġ garaxxijiet iżda dawn huma tal-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk ma humiex likwidabbli minnu. Irriżulta wkoll li hemm numru ta' kontijiet bankarji intestati f'isem ir-rikorrent appellant wieħed b'bilanċ ta' €135, ieħor b'bilanċ ta' €916.06, ieħor b'bilanċ ta' €279.36. Kien hemm diversi movimenti f'dawn il-kontijiet matul is-snin u l-appellata fin-nota tagħha tal-25 ta' Frar 2013 dwar l-istess kontijiet ssollevat diversi punti li dehrilha li jqajmu suspett dwar kemm ir-rikorrent qiegħed ikun trasparenti dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu. Inoltre, irriżulta wkoll li r-rikorrent appellant għandu wkoll investiment ta' ċirka sebat elef lira Maltin li iżda jimmaturaw fl-2014.

**5.** B'danakollu, xi sena jew sena u nofs ilu r-rikorrent appellant xtara karozza bil-prezz ta' €4,700 li iżda ġiet reġistrata f'isem l-appellant. Għalhekk ir-rikorrent ma sabx diffikulta jsib €4700 x'jonfoq fuq karozza għal ibnu minkejja li, kif jgħid, qiegħed jgħix unikament fuq €82 fil-ġimgħa f'benefiċċji tas-sigurta` soċjali. Din il-Qorti għalhekk ma hix sodisfatta li l-appellant ma għandux mezzi finanzjarji adegwati sabiex jikkawtela l-ispejjeż tal-appell fl-ammont kif intaxxat ta' €2,706.47.

Għaldaqstant tiċħad it-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------